**19 ta' Frar, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Frank G. Camilleri LL.D.**

Hadrian Borg

*versus*

Mario Caruana

**Kolliżjoni – Danni – Danneġġjat Diżokkupat**

*Il-fatt li d-danneġġjat huwa diżokkupat ma jfissirx li huwa m'għandux dritt għar-risarċiment tad-danni. Infatti l-Qrati tagħna dejjem sostnew li d-danneġġjat jistħoqqlu kumpens fi kwalunkwe każ, ukoll fejn mhux "breadwinner" jew "earner".*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha, wara li ppremetta li fis-26 ta' Awissu, 1984 waqt li l-istanti kien isuq *motor cycle Yamaha 175* numru P – 1054 fis-Saqajja, ir-Rabat, hu safa nvolut f'ħabta mal-karrozza *Fiat 125* numru T – 0884 misjuqa mill-konvenut u ġarrab ħsarat fil-*motor cycle* oltre li l-istanti nnifsu safa mweġġa';

Li għall-inċident kien jaħti l-konvenuti minħabba imprudenza, negliġenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti;

u li l-konvenut injora s-sejħa ta' l-istanti biex jiġi għal-likwidazzjoni tad-danni;

Talab lill-konvenut jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjarah responsabbli għall-inċident imsemmi u għad-danni kollha li, b'riżultat ta' l-istess sofra l-istanti;

2. Tillikwida d-danni kollha, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundannah iħallas lill-attur dik is-somma ddikjarata bħala dovuta in linea ta' danni;

Bl-ispejjeż, kompriżi Lm1 ta' l-ittra interpellatorja, dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-1 ta' Novembru, 1984 mibgħuta lill-konvenut u dawk ta' l-ittri uffiċjali mibgħuta llum lil Richard Micallef *nomine* għall-assikuraturi tal-konvenut *ai fini* tal-Kap. 165 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-imgħax skond il-Liġi kollox kontra

l-konvenut li hu mħarrek għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa li t-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-kolliżjoni mertu tal-kawża ġrat unikamanet b'tort ta' l-attur stess;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xhieda tal-konvenuti;

*Omissis;*

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

*Eżaminat id-deposizzjonijiet;*

Ikkunsidrat:

Din il-kawża hija dwar inċident awtomobilistiku li seħħ fis-26 ta' Awissu, 1984, għall-ħabta tal-5.30 p.m., fil-Pjazza s-Saqajja kantuniera ma' Main Street fir-Rabat, bejn il-mutur *Yamaha* Numru P – 10554 misjuq mill-attur u l-karrozza *Fiat 125* Numru T – 0884 misjuqa mill-konvenut;

Fl-inċident '*de quo*' l-attur safa mweġġa' u baqa' jsofri minn debilitazzjoni permanenti billi kellu frattura fil-koxxa (femur) xellugija b'konsegwenza li kellu jiġi operat u ġie inserit lilu f'koxxtu "*Kuntschner Pin*" li għadu hemm sal-lum;

*Omissis;*

Il-perit legali jikkonkludi l-parti tar-relazzjoni tiegħu dwar il-kwistjoni tar-responsabbilità hekk:

"(9) Fil-każ in eżami, la darba stabbilit li l-attur ma kienx *għaddej* b'veloċità u la darba wkoll stabbilit li l-konvenut ma kienx daqstant attent tant li ma żammx *"a proper look-out"* u qasam il-*flow of traffic,* fiċ-ċirkostanzi l-konvenut għandu jiġi ritenut unikament responsabbli għall-inċident imsemmi";

Din il-Qorti taqbel kompletament ma' din il-konklużjoni *tal-perit legali*;

L-ewwel perit mediku kien wasal għall-konklużjoni li d-diżabilità permanenti li minnha qiegħed isofri l-attur hija fil-grad ta' tnejn fil-mija (2%). Din l-opinjoni medika però ma ġietx ikkonfermata miż-żewġ periti mediċi addizjonali. Infatti, fil-fehma tagħhom, l-attur qiegħed ibati minn debilitazzjoni permanenti fi grad ta' ħmistax fil-mija (15%) u dan il-fattur, apparti minn fatturi oħra li ser jissemmew aktar 'l isfel, inċida immensament fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-*"lucrum cessans"* magħmula mill-perit legali addizzjonali;

L-attur ma ressaq l-ebda prova biex jakkampa dak li jissejjaħ *'damnum emergens'* u, għalhekk, ma seta' jiġi likwidat l-ebda ammont ttaħt dan il-kap;

Fil-każ in eżami, irriżulta li l-attur kien diżokkupat fil-ġurnata ta' l-inċident u għadu hekk sal-lum. Mandankollu, huwa jaf is-sengħa ta' *'panel beater'* u jirriżulta wkoll illi għamel żmien impjegat mal-*Malta Drydocks,* kif ukoll mal-korp 'Baħħar u Sewwi' u mal-*Mediterranean Oilfield Services;*

Iżda, l-fatt li huwa diżokkupat ma jfissirx li huwa m'għandux dritt għar-risarċiment tad-danni. Infatti l-Qrati tagħna dejjem sostnew li d-danneġġjat jistħoqqlu kumpens fi kwalunkwe każ, ukoll fejn mhux *"breadwinner"* jew *"earner"* (ara sentenza Qorti ta' l-Appell "Zammit *vs* Bezzina" deċ. 19-09-1973);

Il-perit legali addizzjonali ma qabilx ma' l-ewwel perit fir-rigward tal-qligħ medju annwali ta' l-attur. L-ewwel perit ħa bħala bażi tal-qligħ prospettiv ta' l-attur l-ammont ta' Lm2300 fis-sens li jfisser ftit aktar minn Lm44 fil-ġimgħa. Huwa deherlu li fuq *'multiplier'* li jmur fuq firxa ta' snin dan l-ammont ma kienx adegwat għaż-żminijiet tal-lum u li l-ammont ta' Lm50 fil-ġimgħa jkun aktar xieraq, speċjalment meta wieħed iżomm f'moħħu li l-attur jaf is-sengħa ta' *"panel beater"*;

Punt ieħor li dwaru l-perit legali addizzjonali ma qabilx ma' l-ewwel perit kien fir-rigward tat-tnaqqis ta' l-20% minħabba l-*'lump sum payment'*. L-ewwel perit, fuq l-iskorta ta' diversi ġudikati, deherlu li dan il-persentaġġ għandu jiġi ridott għal 17% għaliex id-danni kienu ser jingħataw żmien mhux ħażin wara li ġara s-sinistru. Il-perit legali addizzjonali ma kienx sodisfatt b'dan it-tnaqqis ta' 3% mill-20%. Huwa ħass li fid-dawl ta' dak li ntqal minn din il-Qorti fis-sentenza "Alexander Caruana *noe* *vs* Carmel Gauci" deċiża fit-3 ta' Ottubru, 1991, il-fatt li l-attur korra fis-26 ta' Awissu, 1984 u ser jiġi risarċit kważi tmien snin wara tnqass ta' 10% ikun aktar xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-każ;

Din il-Qorti taqbel ma' dawn il-fehmiet tal-perit legali addizzjonali u jidhrilha li l-likwidazzjoni tal-*'lucrum cessans'* effettwata mill-ewwel perit għandha tinbidel u tinħadem a bażi tal-konsiderazzjonijiet fuq riportati li, fil-fehma tal-Qorti, huwa

aġġustamenti ġusti li jistħoqqilhom li jiġu akkolti biex b'hekk tkun saret ġustizzja mad-danneġġjat;

Għalhekk, minn dan kollu li ntqal għandha toħroġ din il-komputazzjoni tad-danni:

*15% of Lm50 basic weekly wage x 52 weeks x 23 years = Lm8970;*

Billi għandu jsir, kif ingħad, 10% tnaqqis għal dak li hu *'lump sum payment'* l-ammont ta' danni likwidat fis-somma ta' Lm8970 irid jiġi ridott bis-somma ta' Lm897 u dan jagħti s-somma ta' Lm8073;

Għal dawn il-motivi:

Taqta' u tiddeċidi billi, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi u, konsegwentement, (1) tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli għall-inċident in kwistjoni u għad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur; (2) tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' tmint elef u tliet u sebgħin lira (Lm8073.00) u (3) tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' tmint elef u tlieta u sebgħin lira (Lm8073.00) hekk illikwidata bħala danni; bl-imgħax legali mid-data tal-lum. B'riserva favur l-attur f'każ li jkollu jagħmel spejjeż biex ineħħi l-*"Kuntschner Nail"* li għandu f'koxxtu x-xellugija;

*L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.*